

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tal-25 ta' Ġunju 2020 – Serviceplan Gruppe für innovative Kommunikation vs EUIPO (Serviceplan Solutions)

(Kawża T-380/19)⁽¹⁾

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea Serviceplan Solutions – Rägħuni assoluta għal rifjut – Assenza ta’ karattru distintiv – Artikolu 7(1) (b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 – Obbligu ta’ motivazzjoni – L-ewwel sentenza tal-Artikolu 94(1) tar-Regolament 2017/1001”)

(2020/C 262/30)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Serviceplan Gruppe für innovative Kommunikation GmbH & Co. KG (München, il-Ġermanja) (rappreżentanti: B. Koch u P. Schmitz, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: E. Markakis, aġent)

Suġġett

Rikors kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-25 ta' Marzu 2019 (Każ R 1427/2018-5), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali Serviceplan Solutions bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Serviceplan Gruppe für innovative Kommunikation GmbH & Co. KG hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 270, 12.8.2019.

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tal-25 ta' Ġunju 2020 – Malacalza Investimenti vs BĊE

(Kawża T-552/19)⁽¹⁾

(“Aċċess għal dokumenti – Deċiżjoni tal-BĊE li jqiegħed lil Banca Carige SpA taħt amministrazzjoni temporanja – Rifjut ta’ aċċess – Proċedura fil-kontumaċċa”)

(2020/C 262/31)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Malacalza Investimenti Srl (Genova, l-Italja) (rappreżentanti: P. Ghiglione, E. De Giorgi u L. Amicarelli, avukati)

Konvenut: Bank Ċentrali Ewropew (rappreżentanti: F. von Lindeiner u M. Van Hoecke, aġenti, assistiti minn D. Sarmiento Ramírez-Escudero, avukat)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-BĊE LS/LdG/19/185 tat-12 ta' Ġunju 2019 li tirrifjuta l-aċċess għal diversi dokumenti relatati mad-Deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tal-BĊE ECB-SSM-2019-IT-CAR-11 tal-1 ta' Jannar 2019 li tqiegħed lil Banca Carige SpA taħt amministrazzjoni temporanja.

Dispożittiv

- 1) Id-Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) LS/LdG/19/185 tat-12 ta' Ġunju 2019 li tirrifjuta l-aċċess għal diversi dokumenti relatati mad-Deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tal-BĊE ECB-SSM-2019-ITCAR-11 tal-1 ta' Jannar 2019 li tqiegħed lil Banca Carige SpA taħt amministrazzjoni temporanja, hija annullata.
- 2) Il-BĊE huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(⁽¹⁾) ĠU C 328, 30.9.2019.

Digriet tal-Qorti Ĝeneralni tal-11 ta' Ġunju 2020 – Vanhoudt et vs BEI

(Kawża T-294/19) (⁽¹⁾)

("Rikors għal annullament u għad-danni – Servizz pubbliku – Persunal tal-BEI – Riforma tas-sistema ta' remunerazzjoni u tal-progressjoni tas-salarju tal-BEI – Għodda ta' simulazzjoni tar-remunerazzjoni – Att li ma jistax jiġi kkontestat – Att purament konferrattiv – Assenza ta' fatti ġodda u sostanzjali – Danni morali – Assenza ta' rabta kawżali – Rikors parzialment inammissibbli u parzialment manifestament infondat fid-dritt")

(2020/C 262/32)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Patrick Vanhoudt (Gonderange, il-Lussemburgu) u d-disa' rikorrenti l-oħra li isimhom jinsab fl-annej għad-digriet (rappreżentant: A. Haines, barrister)

Konvenut: Il-Bank Ewropew tal-Investiment (rappreżentanti: T. Gilliams, J. Klein u J. Krueck, aġenti, assistiti minn P. E. Partsch u T. Evans, avukat)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u fuq l-Artikolu 50a tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u intiż, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni tal-BEI tal-31 ta' Jannar 2019 li permezz tagħha dan ikkonferma d-deċiżjoni tal-kummissjoni ta' konċiljazzjoni relatata mat-talbiet tar-rikorrenti ta' tqegħid għad-dispożizzjoni ta' estratt stampat uffiċjali tar-riżultati tal-għodda ta' simulazzjoni ta' remunerazzjoni użata għall-kalkolu tal-impatt tar-riformi kif ukoll tas-soluzzjoni bonarja għall-kumpens tat-telf allegatament sostnut wara dawn ir-riformi, u, min-naħħa l-oħra, għall-kisba ta' kumpens għad-dannu morali li r-rikorrenti allegatament sostnew wara l-imsemmija deċiżjoni tal-31 ta' Jannar 2019.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala parzialment inammissibbli u parzialment manifestament infondat fid-dritt
- 2) Patrick Vanhoudt u d-disa' rikorrenti l-oħra li isimhom jinsab fl-annej għad-digriet huma kkundannati għall-ispejjeż.

(⁽¹⁾) ĠU C 230, 8.7.2019.